# Il-Bidu tal-Baned f'Malta



Dr Anton John Mifsud LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D.

Il-każini tal-baned f'pajjiżna huma assoċjati l-aktar mal-festi titulari u sekondarji kif ukoll mal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid. Għaldaqstant ħafna jaħsbu li qabel ma ġew iffurmati l-ewwel każini tal-baned, dawn il-festi ma kinux ikunu akkumpanjati mill-mużika. Din hija idea kompletament żbaljata għaliex per eżempju sa mill-1673 kienet tindaqq il-mużika fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt Valletta. Fl-1761 insibu li kien hemm daqq ta' fifri, tnabar, vjolini u anke vjolinċell fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira ġewwa n-Naxxar. Aktar tard, fis-16 ta' Settembru 1779, kien hemm xi mużiċisti jakkumpanjaw purċissjoni bir-relikwi ta' San Innoċenzu ġewwa l-Imqabba. Fl-1804 żewġ gruppi mużikali akkumpanjaw il-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt fil-Birgu, waħda quddiem l-istatwa u l-oħra wara.

Aktar tard fl-1850, preċiżament mija u sittin sena ilu, insibu li saret petizzjoni importanti magħmula mill-Kanonku Franġisk Bonello li kien prokuratur tal-'*Veneranda Lampada*' tal-Knisja Kolleġġjata tal-Isla sabiex isiru xi attivitajiet esterni fil-festa tal-Vitorja. Fost l-aktar talbiet importanti kien hemm dik biex is-Sengleani jitħallew idoqqu l-mużika minn fuq speċi ta' palk armat f'nofs triq il-Vitorja. Nistgħu ngħidu li allura anke f'dawn iż-żminijiet hekk bikrin kien hemm diġà l-idea ta' mużiċisti li jdoqqu minn fuq planċier armat ġo triq jew pjazza.

Malta ta' dawk iż-żminijiet ma kinitx nieqsa wkoll minn kompożituri ta' stoffa. Min-naħa tiegħu, il-Mużew tal-Kattidral jista' jiftaħar b'manuskritti mużikali antiki li jmorru lura sal-Medju Evu. M'għandniex xi ngħidu, l-mużika ta' dak iż-żmien ma kinitx tinkiteb b'mod standard. F'diversi arkivji madwar Malta nsibu wkoll għadd ta' quddisiet miktubin minn kompożituri tas-seklu XVIII. Dawn kienu jitkantaw akkumpanjati minn orkestri żgħar flimkien mal-orgni tal-knisja. Dan ma jfissirx li sa dan iż-żmien kellna baned organizzati kif nafuhom illum il-ġurnata. Il-ftit mużiċisti li kien hawn kienu jiffurmaw baned jew orkestri żgħar bejniethom u jinkrew biex idoqqu f'xi okkażjonijiet.

Mistoqsija importanti ħafna li tqum f'dan il-kuntest hija x'wassal biex f'Malta beda jinbet interess qawwi fil-mużika. X'aktarx kull twaqqif ta' soċjetà jew oħra jsir biex jimla xi vojt f'xi qasam – politiku, reliġjuż, soċjali jew kulturali. Ħafna studjużi jattribwixxu l-qawmien mużikali f'pajjiżna għall-influwenza Taljana. Għall-ħabta tal-ħamsinijiet tas-seklu XIX ħafna Taljani kellhom iħallu pajjiżhom u jfittxu kenn politiku f'pajjiżi oħra minħabba t-taqlib li kienet għaddejja minnu l-Italja fil-ġlieda għall-unifikazzjoni tagħha taħt Giuseppe Garibaldi, f'dak li baqa' magħruf bħala r-Riżorġiment. Uħud minn dawn ir-refuġjati sabu ruħhom Malta. Kien f'dan iż-żmien ukoll li madwar l-Italja kollha bdew jiġu ffurmati baned mużikali. Bla dubju ta' xejn dawn ir-refuġjati li ġew Malta, li fosthom kien hemm ukoll mużiċisti tajbin, daħħlu fostna kultura ġdida.

Fis-seklu XIX ukoll, il-prosperità li ġabu magħhom f'pajjiżna l-Ingliżi għenet mhux ftit biex titrawwem il-kultura mużikali. Dan kien żmien fejn l-ekonomija ta' Malta kienet sejra mhux ħażin minħabba li kien hawn domanda kbira għall-qoton Malti, kawża tal-gwerra ċivili Amerikana tal-1860-1865. Dan kollu ġab qawmien kulturali u anke mużikali kbir f'pajjiżna. Dan kien anke riżultat tal-fatt li minħabba l-preżenza tal-militar Ingliż kien hawn aktar strumenti mużikali fl-idejn.

Mistoqsija importanti oħra hija l-għaliex mużiċisti individwali bdew jingħaqdu flimkien sabiex jiffurmaw banda. Nistgħu ngħidu li fis-snin ta' wara l-1850 tant kien hawn mużiċisti Taljani f'Malta li l-Maltin bdew isibuha iebsa jaqilgħu l-għixien tagħhom mis-suq mużikali ristrett li kellna dak iż-żmien. Dan ħoloq spirtu komunitarju bejn il-mużiċisti Maltin tant li fl-1861 insibu grupp ta' 27 mużiċist li kienu jiltaqgħu ġewwa 32, Triq San Duminku l-Belt Valleta. Dan kien il-bidu tal-kunċett taċ-ċirkoli u l-għaqdiet li mbagħad spiċċa influwenza bil-kbir u inkoraġġixxa t-twaqqif tal-baned Maltin u l-każini tagħhom kif nafuhom illum. Fattur ieħor li seta' wassal għall-formazzjoni tal-baned kien il-professjonalità u l-paga tajba li kellhom il-bandisti militari. Ma ninsewx li f'Malta dak iż-żmien kien hawn żewġ baned militari, ir-*Royal Malta Artillery Band* u r-*Royal Malta Military Band*. Dawn bla dubju kienu jiġġeneraw entużjażmu kbir fost dawk li kienu jaspiraw li xi darba għad jiffurmaw banda.

Fil-kitbiet tal-istoriku Malti Pietru Pawl Castagna nsibu li "l-ewwel banda nazzjonali saret f'Ħaż-Żebbuġ mill-imsemmi Mastru Indrì Borġ fl-1860. Dan kien il-bidu ta' kemm baned saru u li għad iridu jsiru." Dan kien proprju mija u ħamsin sena ilu. L-istess ħaġa kiteb ir-Reverendu Dun Salv Ciappara fl-1881 fil-ktieb tiegħu 'Storia del Zebbug e Sua Parrochia'. Għall-bidu l-baned kienu jieħdu l-isem ta' raħalhom u mhux tal-qaddis patrun, iżda mbagħad din il-ħaġa nbidlet maż-żmien.

Prattikament sa ħamsin sena wara t-twaqqif uffiċjali tal-ewwel banda f'Malta, kull belt u raħal f'pajjiżna kellu talanqas banda waħda u uħud kellhom tnejn. Ta' min jgħid li l-baned u l-każini tagħhom kienu jilqgħu fihom nies minn kull saff fis-soċjetà. Kienet ħaġa komuni wkoll li l-grad ta' President ikun okkupat minn xi ħadd influwenti fis-soċjetà li seta' jagħmel ġieh lill-banda u lill-każin. Din il-ħaġa ma tantx għadha ssir illum il-ġurnata, anke forsi minħabba li llum l-edukazzjoni hija mifruxa fis-saffi kollha tas-soċjetà Maltija. Ħaġa li llum forsi lanqas tgħaddilna minn moħħna hija li fl-antik il-baned u l-każini tagħhom kienu anke jappoġġjaw fil-beraħ lil xi għaqdiet politiċi jew movimenti partikolari.



Kav. Gustav Gollcher, figura mill-aktar influwenti li serviet bħala President tal-Għaqda Mużikali San Leonardu meta l-Banda ħadet l-isem il-ġdid ta' Banda San Leonardo fl-1899. Pittura ta' Edward Caruana Dingli, 1920, kollezzjoni Palazzo Falzon Historic House Museum, Mdina

Żvilupp importanti fl-istorja tal-baned kien it-twaqqif tal-Malta Band Club Association. Din l-għaqda oriġinat minn inizjattiva tal-kumitat



Ċelebrazzjoni bil-banda f'Għawdex għall-ħatra tan-negozjant Alfredo Micallef Eynaud bħala kunsillier għal Għawdex fil-Kunsill tal-Gvern. Karikatura politika fil-Portafoglio Maltese, 4 ta' Mejju, 1872, iffirmata Vampa. (Meħuda minn, H.Frendo, Storja ta' Malta, 2004)

tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun. L-ewwel laqgħa ta' din l-għaqda tmexxiet minn Dr. Tommaso Caruana Demajo. Din l-Għaqda mill-ewwel kienet suċċess u sa mit-twaqqif tagħha kienet tiġbor fiha lill-każini kollha ta' Malta minbarra tlieta – il-Banda Nazzjonali La Valette, il-Banda Cittadina King's Own, u l-Banda Duke of Edinburgh. Fost l-ewwel kummissjonijiet li ħatret l-għaqda, kien hemm kummissjoni li kellha tinvestiga t-talbiet u l-ilmenti li kienu jressqulha l-każini affiljati magħha. Kienu anke jsiru laqgħat mal-Ministri tal-Gvern biex tittejjeb il-qagħda tal-baned Maltin u l-każini tagħhom. Robert Mifsud Bonniċi, kittieb ewlieni dwar l-istorja tal-baned jikteb li l-Ministru tat-Teżor saħansitra qata' li kull privileġġ mogħti mill-Gvern lill-assoċjazjoni jitgawda biss mill-membri tagħha – daqshekk kellha saħħa din l-assoċjazzjoni.

M'għandniex xi ngħidu l-baned maż-żmien evolvew ħafna għal kif nafuhom illum. Skont l-aħħar statistika nsibu li fl-2008 f'Malta kellna 3,931 bandist. Naturalment, il-baned għad iridu jkomplu jinbidlu u jaġġornaw ruħhom maż-żminijiet. L-iskop edukattiv u tat-tagħlim tal-mużika, iżda, żgur mhu ser jinbidel qatt, għaliex każin mingħajr banda li tagħmillu ġieh ma huwa każin xejn.

**Referenzi:**

Robert Mifsud Bonniċi, Ġrajja *ta' Baned f'Malta u Għawdex*, l-ewwel volum 1956.

Kevin Bonello, *The involvement of youth in band clubs of the Harbour Region – an administrative perspective*, University of Malta thesis, 2005.

Charles Farrugia, *Socio-political and economic aspects in the history of religious festa groups in Malta 1890-1940*, University of Malta thesis, 1998.

Michael J. Schiavone (editor), *L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, 1997.